31998R1160

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1160/98
tat-2 ta' Ġunju 1998
li jirrigwara l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

Il-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1048/98 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-Nomenklatura Magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija msejsa fuqha fl-intier tagħha jew f'parti minnha jew li żżid kull subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati t-tariffa u miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati ġewwa l-kodiċi xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi t-Taqsima tat-Tariffi u tan-Nomenklatura Statistikali tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma tatx opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati ġewwa n-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-2 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal- Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 151, tal-21.5.1998, p. 1.

ANNESS

Id-Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-Klassifika (Il-Kodiċi NM)	Ir-Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. It-Trab tal-ħalib (0,6 % grass tal-ħalib) li fih bejn 2 u 27 miljun ta' baċilli lattiċi ħajjin (*Streptococcus lactus*) kull gramma.	0403 90 11	Il-Klassifika hija stabbilita bir- Regoli Ġenerali 1 u 6 ta' l- interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-għoti tal-kliem tal- kodiċijiet tan-NM 0403, 0403 90 u 0403 90 11 Dan il-prodott, minħabba l-konċentrazzjoni baxxa tiegħu fil-mikro-organiżmi ma jistax jiġi kkunsidrat bħala kultura tal-mikro-organiżmi.
2. Taħlita tal-lattosi, il-kaseini, l-albumini u l-globulini tal-ħalib, bil-mikro-organiżmi sporulati (*Lactobacillus pentosus* u *Streptococcus lactus*, minn 50 sa 100 miljun għal kull gramma), fil-għamla ta' trab bil-karatteristiċi li ġejjin (% fil-piż): — lattosi: 39 — kaseini: 22 — albimina/globulina tal-ħalib: 4 — irmied: 6 — grass tal-ħalib: 34 — ilma: 5	0403 90 13	Il-Klassifika hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għal-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 0403, 0403 90 u 0403 90 13 Dan il-prodott, minħabba l-konċentrazzjoni baxxa tiegħu f'mikro-organiżmu jista ma jkunx kunsidrat bħala kultura ta' mikro-organiżmu
3. Il-prodott jikkonsisti mit- trab tal-ħalib b'fermentazz jonijiet tal-ħalib miżjuda (*Streptcoccus lactus* u *Lactobacillus*, madwar 150 miljun għal kull gramma) u ħmira lattika mejta (*Kluveromyces lactis* u *Fragilis*) bil-karatteristiċi li ġejjin: — proteina: 28 — materjal niexef: 95 – 96 — grass tal-ħalib: 25 — lattosi: 39	0403 90 13	Il-Klassifika hija stabbilita bir-Regoli tan-Nomenklatura Magħquda u bil-għoti tal- kliem tal-kodiċijiet tan-NM 0403, 0403 90 u 0403 90 13 Dan il-prodott, minħabba l- konċentrazzjoni baxxa tiegħu fil-mikro orgniżmu ma jistax jiġi kunsidrat bħala kultura tal-mikro-organiżmi
4. Taħlita tal-kostitwenti tal-ħalib mal-klorur tas-sodju u ċ-ċitrat tas-sodju miżjuda (0,2 %) u l-vitamini (0,2 %), bil-karatteristiċi li ġejjin: — materjal niexef: 95 — lattosi: 56.5 — proteini: 28,8 — grass tal-ħalib: 1,1 — irmied: 8	0404 90 21	Il-Klassifika hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 0404, 0404 90 u 0404 90 21 Dan il-prodott ma jistax jiġi kunsidrat bħala medja ta' kultura mħejjija biex ikunu żviluppati l- mikro-organiżmi

Id-Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-Klassifika (Il-Kodiċi NM)	Ir-Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
5. Taħlita tal-kostitwenti tal-ħalib mal-klorur tas-sodju u ċ-ċitrat tas-sodju (4,5 %) u l-vitamini (0,2 %) miżjuda, bil-karatteristiċi li ġejjin (% fil-piż): — materjal niexef: 96,2 — il-lattosi: 59,7 — il-proteini: 23,3 — il-grass tal-ħalib: 0,9 — l-irmied: 11,5	0404 90 21	Il-Klassifika tiġi stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 0404, 0404 90 u 0404 90 21 Dan il-prodott ma jistax jiġi kunsidrat bħala medja mħejjija ta' kultura għall-iżvilupp tal-mikro-organiżmi
6. L-etil-alkol żnaturat ta' qawwa alkolika skond il-volum ta' 80 jew ogħla u li jkun fih sa 20 % tal-fatham tal-kannol attivat	2207 10 00	Il-Klassifika tiġi stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1, 3b u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 2207 u 2207 10 00